MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Numru 852/2002

**Il-Pulizija**

**Spettur Dennis Theuma**
**Spettur Simon Galea**

v

**JEREMY JAMES FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JEREMY JAMES FARRUGIA** bin Emanuel u Catherine nee Saydon imwieled Pieta fil-11 ta' Novembru, 1984, residenti 41, Triq Fleur de Lys, B'Kara, detentur tal-karta tal-identita` numru 558384M gie imressaq quddiemha akkuzat talli:

1. F'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn l-ghaxra u l-hdax ta' Awissu, 2002 mill-fond Charles Grech Liquer Sotre, sitwat fi Triq il-Wied tal-Imsida l/o B'Kara

ikkommeta serq ta’ kaxxa xorb specifikatament whiskey tad-ditta Chivas w ta’ xi flus ghad-dannu ta’ sid il-fond Timothy Grech liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin w bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (LM 100) izda huwa inqas minn elf lira Maltin (LM 1, 000).

2. Talli fl-istess lok, hin w cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli specifikatament ghamel hsara fil-faccata tal-istess fond, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (LM 50) izda ma teccedix l-hames mitt lira Maltin (LM 500).

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat talli huwa recidiv b’diversi sentenzi li huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula u oltre talli ikkometta reat kriminali fit-terminu operattiv ta’ sentenza datata tmintax ta’ Ottubru, 2001 imposta minn din il-Qorti diversament preseduta fejn l-imputat kien gie misjub hati u kkundannat sena habs prigunerija sospiza ghal sentejn.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali mmarkat bhala dokument CSH 1 datat hmistax ta’ Ottubru, 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ezami li sar nhar it-tnejn ta’ Dicembru, 2002 a fol 10 tal-atti, u ghalhekk fuq tali ammissjoni, l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti kienet innominat lill-Probation Officer Marietta Lanzon b’digriet taghha tat-tnax ta’ Mejju, 2003 sabiex issegwi lill-imputat u taghti aktar informazzjoni lill-Qorti permezz ta’ pre-sentencing inquiry report.

Illi nhar it-tnax ta’ Mejju, 2003 dehret il-Probation Officer Marietta Lanzon li pprezentat ir-rapport taghha li l-Qorti immarkat bhala dokument ML.

Illi minn esami ta’ dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat ghandu problemi kbar fil-komportament tieghu u cioe` li huwa ibghati minn *conduct disorder*. Illi hija stqarret li l-imputat li ghandu eta` zghira mhuwiex matur u hafna drabi din l-immaturita` tirrifletti fuq l-impulsivita` tal-ghemil minghajr hsieb.

Illi l-Probation Officer hija tal-fehema li l-imptuat ghandu jinghata ordni ta’ supervizjoni sabiex l-ufficcjal tal-Probation tkun tista issegwih u tiggwida fit-triq it-tajba u cioe` bil-ghan li tghinu jirrintegra ruhu fis-socjeta` li taghha jifforma parti.

Il-Qorti rat illi l-imputat kellu biss tmintax il-sena meta ikkometta ir-reati in kwistjoni, pero’ minn naha l-ohra rat ukoll li f’perjodu ta’ tlett snin mill-erbgha ta’ Novembru, 1999 sat-tnax ta’ Gunju, 2002 huwa inghata sitt sentenzi mill-Qorti fejn instab hati ta’ dawn ir-reati fosthom divesi serq, attentat ta’ serq u xi kontravenzjonijiet ta’ inqas serjeta` meta inghata sentenza ta’ habs, probation, sentenzi sospizi u multi.

Illi nhar is-sebgha ta’ Jannar, 2004 il-Qorti giet infurmata li l-imputat jinsab ghal darb’ohra il-habs jiskonta sentenza ta’ prigunerija u ghad fadallu sena u tmien xhur sabiex jiskonta s-sentenza inflitta fuqu.

Illi skond il-Prosekuzzjoni l-imputat ma fetah l-ebda kaz iehor kriminali minn mindu tressaq il-Qorti akkuzat bl-akkuzi odjerni u cioe` fis-sittax ta’ Ottubru, 2002.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost, ghalkemm l-imputat huwa recidiv fuq ammissjoni tieghu stess, il-Qorti ma thossx illi ghandha tinfliggi piena karcerarja ghal dan ir-reat odjern.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-ligi 49, 50, 263 (a), 267, 270 u 325 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha u ai termini tal-artikolu 7 (1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna li l-imputat jitpogga taht ordni ta’**

**Probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin mill-llum.**

**Inoltre tordna li ai termini tal-artikolu 28 (B) (2) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-ordni originali mghotija fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistati nhar it-tmintax ta' Ottubru, 2001 fejn il-piena karcerarja ta' sena prigunerija sospiza ghall-sentejn, u maghmula bis-sahha tas-subartikolu (1) tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali, billi minflok il-perjodu operattiv hemm specifikat ta' sena, dan il-perjodu operattiv jigi estiz effettivament sa erba (4) snin mill-llum.**

**Rigward l-ordni ta' probation il-Qorti tordna lill-imputat probationer izomm kuntatt regolari mal-Ufficjal tal-Probation u jobdi d-direttivi moghtija lilu minnha.**

**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat minnu ufficjal idoneju ghal dan il-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------